MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2357/2003

**Alliance Unichem (Malta) Limited**

**vs**

**Paul Cutajar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm67.78,0) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' merkanzija lilu, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal sitta u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm36.62,0) skond fattura nmur 15451 datata 25 ta' Frar 2002, u (b) kwantu ghal wiehed u tletin lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm31.16) skond fattura numru 16047 datata 8 ta' April

2002 skond l-prospett anness mal-avviz u mmarkat bhala dok “A”

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra nterpellatorja datata 5 ta’ Novembru, 2003 (kopja dok “B” ), u bl-imghaxijiet mid-dati ta’ hrug tal-fatturi hawn qabel indikati sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut giet regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm67.78), bl-imghax pagabbli mid-data tal-hrug tal-fatturi hawn qabel indikati sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta’ Novembru 2003 prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------